MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2015

Numru. 297/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Raymond Aquilina)**

**Vs**

**Wasim Hamad Nayif Abdelbagi**

**Kumpilazzjoni Nru: 297/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Wasim Hamad Nayif Abdelbagi detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija numru 607112L.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Maru, 2014 u fix-xhur precedenti b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiskru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni–

1. Ghamel dikjarazzjoni falza jew ta xi taghrif falz, jew pproduca xi dokument falz, ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Att Dwar l-Karti ta' l-Identita meta kien jaf li dan huwa.
2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih ghal ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif.
3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'talba jew f'rakkomandazzjoni li ghandha x'taqsam mal-hrug jew tigdid ta'.
4. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu.
5. Kif ukol fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), illum Imhallef Dr. Jacqueline Padovani LL.D fid-digriet taghha ta' nhar it-30 ta' Gunju, 2010 li bih tat il-helsien mill-arrest taht depozitu u garanzija personali u sussegwentement sar tibdil fl-istess kundizzjonijiet u ulterjorment id-digriet moghti mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL. D datat 30 ta' Jannar , 2013.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba tiehu l-provedimenti mehtiega fil-konfront ta' Wasim Ahmed Abdelbagi fejn l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht depositu u garanzija jigu kkonfiskati favur il-Gvern ta' Malta u dan ai termini ta' l-artikolu 579 et seq tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

- 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 24(2)(b) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 18 u 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 18 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 18 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-az jitkompla bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet il-provi kif ukoll it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu' dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-ammissjoni ta'l-imputat ghalkemm f'dan l-istadju inoltrat ma tantx tista' tinghata piz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 188(1), 189 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 6 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 24(2)(b) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati a' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghall-ewwel erbgha imputazzjonijiet qed tikkundannah sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha snin, u ghall-hames imputazzjoni qed tikkundannah multa ta' hames mitt Euro (€500) li ghandha tithsallsu f'pagamenti mensieli ta' erbghin Euro (€40), b'l-ewwel pagament dovut f'l-1 ta' Novembru 2015. Peress li b'degriet tal-Qorti Kriminali datat 16 ta' April 2015 id-depozitu u garanzija personali imposti ma'l-ghoti tal-helsien mill-arrest[1] gia gew mghoddija favur il-Gvern ta' Malta, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-konfiska ta'l-imsemmija depozitu u garanzija dedotta fic-citazzjoni odjerna.

## < Sentenza Finali >

[1] Helsien mill-arrest mghoti b'degriet datat 30 ta' Gunju 2013.

---------------------------------TMIEM---------------------------------